MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-18 ta' Lulju, 2007

Numru. 10/2007

Il-Pulizija
(Spettur Ramon Mercieca)

vs

Simon Cassar

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, Simon Cassar, 27 sena, iben missier mhux maghruf u Dolores nee' Cassar, imwieled H'Attard fit-8 ta' Marzu, 1979 u li joqghod nru. 143, Flat No. 3, West Street, Valletta u/jew f'fond No. 15, flat No. 1, 'Mayflower', Triq Cuschieri, Gzira, detentur ta' karta ta' l-identita' bin-numru 157379(M) li gie

mressaq quddiemha akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer f'Birkirkara nhar is-16 ta' Dicembru u fil-jiem ta' qabel:-

1. B'diversi atti maghmulin minnek, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u jkun gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda u cioe' ikommetta serq ta' hwejjeg minn gewwa l-istabbiliment bl-isem ta' 'Euro Sport', ghad-dannu ta' l-istess sid, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, u dan bi ksur tal-artikolu 18, 261(a), 262(1)(a)(b) u 262(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess dati hin, lok u cirkostanzi, u/jew fil-granet ta' wara dawn id-dati, f'dawn il-Gzejjer, xjentement xtara jew laqa' ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan isir Malta jew barra minn Malta, jew xjentament, b'kull mod iehor li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom, liema oggetti kienu gejjin minn serq u dan bi ksur tal-artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli nhar is-16 ta' Dicembru, 2006, ghall-habta ta' 13:00hrs, f'dawn il-Gzejjer, f'B'Kara, bil-fomm hedded lil Diane Mallia u lil Carmelo Sammut b'delitt u dan bi ksur ta' l-artikolu 249 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli nhar is-16 ta' dicembru, 2006, ghall-habta ta' 13:00hrs, f'dawn il-Gzejjer, f'B'Kara, fil-hin li ghamel delitt kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari minghajr permess tal-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur ta' artikolu 64(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess zminijiet, sar recidiv b'sentenzi li saru definittivi u li ma jistghux jinbidlu moghtija lilek mill-Qorti ta' l-Magistrati ta' Malta Dr Antonio Mizzi LL.D. datata 10/07/2004 u mill-Qorti ta' l-Appell Malta datata 29/03/2006.

U aktar talli fl-istess zminijiet, kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti ta' l-Appell Malta datata 29/03/2006

liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula u cioe ta’ sentenza sospiza.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat 5 ta’ Jannar 2007( a fol. 6 tal-process) sabiex fin-nuqqas ta’ oggezzjoni da parti tal-imputat din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghat lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita kif jirrizulta mill-ezami li sar nhar il-16 ta’ Marzu, 2007 *ai termini* ta’ l-artikoli 370 (4), 390 (1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghat l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta tas-16 ta’ Marzu 2007 ghall-ewwel, it-tielet u r-raba’ akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap 9, u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-istess imputat il-Qorti tiddikjara li qed issibu hati tal-akkuzi kollha kif minnu ammessi izda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni akkuza peress li din inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel akkuza.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-kontenut tal-Pre-Sentencing Report (esebit a fol. 26 sa 44 tal-process), kif ukoll il-fedina penali voluminuza tal-imputat u jidrilha li m’ghandhiex triq ohra hlief li timponi piena karcerarja effettiva u dan ghaiex l-imputata inghata diversi opportunitajiet sabiex jirrifroma ruhu izda huwa m’gharafx juzufruwixxi minn dawn l-opportunitajiet u kompla jikser dufrejh mal-gustizzja. Il-Qorti izda ser tirrrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita’

Korrettiva ta' Kordin sabiex l-imputat jinghata l-ghajnuna mehtiega sabiex jeghleb il-problema illi ghandu mill-abbuz tad-droga.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Semghat it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 18, 31, 49, 50, 261(a), 262(1)(a), (b), 262(2),249 u 64(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 5(1) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha kif minnu ammessi salv ghat-tieni akkuza li inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel akkuza u l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni akkuza u tikkundannah prigunerija ta' sentejn (2). B'applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti torbot lill-imputat b'obbligazzjoni personali ta' Lm100 ghal zmien tnax il-xahar millum milli jkellem jimmolesta u jivvessa lil Diane Mallia u lil Carmelo Sammut.

Il-Qorti tordna wkoll il-konfiska u d-distruzzjoni tal-mus esebit fis-seduta tas-16 ta' Marzu 2007 u mmarkat bhala Dok. RM 8.

Il-Qorti izda, tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex l-imputat jinghata l-ghajnuna necessarja sabiex jgheleb il-problema mill-abbuz tad-Droga u ghal dan il-ghan qed tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------